MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 42/2014

**GO plc – C22334**

**Vs**

**Borg Evan**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut gie mitlub sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija disgha u sebghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€779.74c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni bl-akkont numru AC40153270 moghtija mis-socjeta` attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok "IZY1" u Dok "IZY2" li huma prospett u ftehim ghal akkont numru relattiv; u Dok "IZY3" estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ra li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat naqas milli jipprezenta r-risposta tieghu

Sema' id-depozizzjoni tal-konvenut fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2014 li permezz tax-xhieda tieghu ammetta t-talba kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jordna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija disgha u sebghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€779.74c) bl-imghax kif mitluba; liema hlas ta' l-ammont imsemmi ghandu jigi imwettaq permezz ta' pagamenti rateali ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------